

32007L0007

15.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 43/19

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/7/KE****ta' l-14 ta' Frar 2007**

**li temenda ġertu Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi residwi ta' atrazine, lambda-cyhalothrin, phenmedipham, methomyl, linuron, penconazole, pymetrozine, bifenthrin u abamectin**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru ta' l-1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq ġerti prodotti li jorġiñaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f), tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 91/414/KEE, l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni ta' pjanti għall-użu fuq ħxejjex spċifici huma responsabbiltà ta' l-Istati Membri. Awtorizzazzjonijiet ta' dan it-tip għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni ta' l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-animali u ta' l-influwenza fuq l-ambjent. Elementi li jridu jitqiesu f'dawn il-valutazzjoni jinkludu l-esponent ta' l-operaturi u ta' persuni fil-qrib u l-impatt fuq l-ambjenti ta' l-art, l-ilma u l-arja, kif ukoll l-impatt fuq il-bnedmin mill-konsum ta' residwi fuq ħxejjex li jkunu ġew ittrattati.
- (2) Il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi ta' pestiċidi għall-protezzjoni effettiva

(¹) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE (ĠU L 311, 10.11.2006, p. 31).

(²) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE.

(³) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/136/KE (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 42).

tal-pjanti, li jiġu applikati b'tali mod li l-ammont ta' residwu huwa l-iżgħar ammont prattikabbi u tossikologiskament aċċettabbli, partikolarmen fit-termini ta' stima ta' konsum fid-dieta.

(3) L-MRLs għall-pestiċidi koperti mid-Direttivi 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom jinżammu taħt reviżjoni u jistgħu jiġu mmodifikati sabiex jiġu kkunsidrati użi li ġew mibdula jew użi ġodda. Informazzjoni dwar użu ġdid jew bidla fl-użu ġie kkomunikat lill-Kummissjoni li se jwassal għal bidliet fil-livelli residwi ta' lambda-cyhalothrin, phenmedipham, methomyl, linuron, penconazole u pymetrozine.

(4) L-esponenti tul il-ħajja tal-konsumatori għal dawk il-pestiċidi permezz ta' prodotti alimentari li jista' jkun fihom ir-residwi ta' dawk il-pestiċidi, ġie assessjat u valutat skond il-proċeduri u l-prassi użati fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linji ta' gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (⁴). Fdin l-evalwazzjoni ittieħed kont li l-abamectin huwa użat ukoll bħala mediciena veterinarja intenzjonata għall-annimali li jipprodu fu l-ikel u li l-limiti tar-residwi massimi ġew stabilliti għal dik is-sustanza skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif tal-limiti massimi tar-residwi ta' prodotti mediciinali veterinarji foggietti ta' l-ikel li jorġiñaw mill-annimali (⁵). Skond dik il-valutazzjoni u l-assessjar, l-MRLs għal dawk il-pestiċidi għandhom jiġu stipulati sabiex ikun żgurat li ma jinqabiżx il-limiti ta' konsum aċċettabbli f'għid.

(5) Fil-każ tal-lambda-cyhalothrin, methomyl, linuron u pymetrozine li għalihom teżisti doża ta' referenza akuta (ARfD), l-esponenti akut tal-konsumatori permezz ta' kull wieħed mill-prodotti alimentari li għandhom imnejn ikun fihom residwi ta' dawn il-pestiċidi ġie assessjat u valutat skond il-proċeduri u l-prassi użati attwalment fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. L-opinjonijiet tal-Kunitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, b'mod partikolari l-pariri u r-rakkmandazzjoni li jikkonċernaw

(⁴) Linji ta' gwida għat-tbassir ta' assorbiment alimentari ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjiha mill-GEMS/Programm Alimentari f'kollaborazzjoni mal-Kunitat Codex dwar Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

(⁵) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 5).

il-protezzjoni tal-konsumaturi mill-prodotti alimentari trattati bil-pestiċidji (<sup>1</sup>), ġew ikkunsidrati. Skond dik il-valutazzjoni tal-konsum fid-dieta, l-MRLs għal dawk il-pestiċidi għandhom jiġu stipulati sabiex ikun żgurat li ma jinqabiżx l-ARfD. Fil-każ tas-sustanzi l-oħrajn, il-valutazzjoni ta' l-informazzjoni disponibbli wriet li l-ebda ARfD mhi meħtieġa u li għaldaqstant mhix neċċes-sarja valutazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir.

- (6) Fir-rigward ta' l-atrazine fiċ-ċereali, saret disponibbli informazzjoni ġdida minn mindu ġiet adottata d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/61/KE tas-7 ta' Lulju 2006 li temenda l-Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi residwi ta' atrazine, azinphos-ethyl, cyfluthrin, ethephon, fenthion, methamidophos, methomyl, paraquat u triazophos (<sup>2</sup>) li turi livell oħħla ta' MRL milli dak imdaħħal minn dik id-Direttiva fid-Direttiva 86/362/KEE li huwa sigur għall-konsumaturi. L-MRL imdaħħal mid-Direttiva 2006/61/KE għandu għalhekk ikun revokat minn wieħed oħħla.
- (7) Fil-każ li l-użi awtorizzati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultawx flivelli li jistgħu jiġi osservati ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa jew fuq prodott ta' l-ikel, jew fejn l-użi li jkunu ġew awtorizzati mill-Istati Membri ma jkunux ġew sostnuti bid-data meħtieġa, jew fejn użi f-pajjiżi terzi li jirriżultaw f-residwi ġewwa jew fuq prodotti alimentari li għandhom mnejn jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq Komunitarju ma jkunux ġew sostnuti bit-tali informazzjoni meħtieġa, l-MRLs għandhom jiġu ffissati fil-livell l-iktar baxx ta' l-osservanza analitika.
- (8) Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffissati MRLs ġodda għal dawk il-pestiċidi.
- (9) L-iffissar jew l-immoddifikar ta' MRLs proviżorji fil-livell Komunitarju ma jżommx lill-Istati Membri milli jistabbi-lıxxu MRLs proviżorji għall-phenmedipham, linuron, penconazole u pymetrozin skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI tagħha. Huwa meqjus li perjodu ta' żmien ta' erba' snin huwa biżżejjed sabiex jiġu permessi aktar użi ta' dawn is-sustanzi. L-MRL proviżorju Komunitarju għandu mbagħad isir definittiv.
- (10) Id-Direttiva 90/642/KEE għandha għalhekk tkun emendata għal dawn ir-raġunijiet.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha ta' l-Annimali,

(<sup>1</sup>) L-opinjoni tirrigwarda l-kwistjonijiet konnessi ma' l-emendar ta' l-annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (Opinjoni espressa mill-SCP, l-14 ta' Lulju 1998); L-opinjoni tirrigwarda r-residwi tal-pestiādi varjabbli fil-frott u l-ħxejjex (Opinjoni espressa mill-SCP nhar l-14 ta' Lulju 1998) [http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/scp/outcome\\_ppp\\_en.html](http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/scp/outcome_ppp_en.html)

(<sup>2</sup>) ĠU L 206, 27.7.2006, p. 12.

#### ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

##### Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 86/362/KE huwa emendat skond l-Anness I ta' din id-Direttiva.

##### Artikolu 2

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KE huwa emendat skond l-Anness II ta' din id-Direttiva.

##### Artikolu 3

1. Fir-rigward ta' l-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom jadot-taw u jippubblikaw, sa l-20 ta' Jannar 2007 l-aktar tard, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' dik id-Direttiva. Huma għandhom imbagħad jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-21 ta' Jannar 2007.

2. Fir-rigward ta' l-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jadot-taw u jippubblikaw, sal-15 ta' Awwissu 2007 l-aktar tard, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessari sabiex tinkiseb konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom jipprovu lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella korrispondenti bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mis-16 ta' Awwissu 2007.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dawn id-dispożizzjonijiet għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandha ssir referenza għal din id-Direttiva meta jkunu ippublikati uffiċjament. L-Istati Membri għandhom jistabbillexx kif għandha ssir referenza bħal din.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenja tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam koper b'din id-Direttiva.

##### Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Frar 2007.

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS I

Fil-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE, il-linja għall-attrazine tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

Residwi tal-Pestiċida	Livell massimu f'mg/kg
“Atrazine	0,1 (l) ĊEREALI

(l) Tindika li l-livell massimu ta' residwi ġie stabbilit b'mod temporanju sa l-1 ta' Jannar 2008 sakemm tasal *data* li trid tiġi sottomessa mill-applikant. Jekk ma tinkiseb ebda *data* sa dik id-data, l-MRL jiġi irtirat b'Direttiva jew Regolament.”

## ANNESS II

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE huwa emdat kif ġej: FParti A, il-kolonni għal lambda-cyhalothrin, phenmedipham, methomyl, linuron, penconazole, pymetrozine, bifenthrin u abamectin, jiġu sostitwiti b'li ġej:

	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
	Lambda-cijalotrin	Phennedipham	Methomyl/Thiodicarb (somma espressa bħala methomyl)	Linuron	Penconazole	Pymetrozine	Il-bifenthrin	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)
Gruppi u eżempi ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs								
Gatti								
Ġwież tal-Pekan								
Ġwież ta' l-arznu (pine nuts)								
Pistaċċi								
Ġewż								
Oħrajn								
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGHÀ (POME FRUIT)	0,1	0,05 (*) (p)	0,2		0,2	0,02 (*)	0,3	0,01 (*)
Tuffieħ								
Lanġas								
Sfarġel								
Oħrajn								
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA		0,05 (*) (p)					0,2	0,01 (*)
Berquq	0,2		0,2		0,1	0,05		
Ċiras			0,1					
Ħawħ (inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili)	0,2		0,2		0,1	0,05		
Għanbaqar			0,5					
Oħrajn	0,1		0,05 (*)		0,05 (*)	0,02 (*)		
(v) FROTT ŻGĦIR								
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	0,2	0,05 (*) (p)			0,2	0,02 (*)	0,2	0,01 (*)
Għeneb tal-mejda			0,05 (*)					
Għeneb ta' l-inbid			1					
(b) Frawli (għajr dak selvaġġi)	0,5	0,1 (p)	0,05 (*)		0,05 (*)	0,5	0,5	0,1







	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
	Lambda-cijalonin	Phennedipham	Methomyl/Thiodicarb (somma espressa bħala methomyl)	Linuron	Penconazole	Pymetrozine	Il-bifenthrin	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs								
(c) Għerq tal-qara' tal-fliexken tal-qoxra li ma tittikilx	0,05		0,05 (*)		0,1	0,2	0,05 (*)	0,01 (*)
Bettiħ								
Ħxejjex li jissejhу squashes								
Dullieħ								
Oħrajn								
(d) Qamħirrum	0,05		0,05 (*)		0,05 (*)	0,02 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA		0,05 (*) (P)		0,05 (*) (P)	0,05 (*)			0,01 (*)
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri	0,1					0,02 (*)	0,2	
Brokkli (inkluża il-Calabrese)			0,2					
Pastard								
Oħrajn			0,05 (*)					
(b) Brassica bir-ras			0,05 (*)				1	
Kaboċċi ta' Brussell	0,05							
Kaboċċa tar-ras	0,2					0,05		
Oħrajn	0,02 (*)					0,02 (*)		
(c) Brassica bil-weraq	1		0,05 (*)			0,2	0,05 (*)	
Kaboċċa taċ-Ċina								
Kale								
Oħrajn								
(d) Qarabali	0,02 (*)		0,05 (*)			0,02 (*)	0,05 (*)	





	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
	Lambda-cijalotrin	Phennedipham	Methomyl/Thiodicarb (somma espressa bħala methomyl)	Linuron	Penconazole	Pymetrozine	Il-bifenthrin	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)
Gruppi u eżempji ta' prodotti individuali li għalihom japplikaw l-MRLs								
Piżelli								
Lupini								
Oħrajn								
<b>4. Żjut ta' żrieragħ</b>	0,02 (*)	0,1 (*) (P)		0,1 (*) (P)	0,05 (*)		0,1 (*)	0,02 (*)
Żerriegħha tal-kittien								
Karawett			0,1					
Żerriegħha tal-peprin								
Ćulġlien								
Żerriegħha tal-ġirasol								
Żerriegħha tal-lift								
Żerriegħha tas-soja			0,1					
Żerriegħha tal-mustarda								
Żerriegħha tal-qoton			0,1			0,05		
Żerriegħha tal-qanneb								
Oħrajn			0,05 (*)			0,02 (*)		
<b>5. Patata</b>	0,02 (*)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,02 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)
Patata bikrija								
Varjazzjonijiet ta' patata								
<b>6. TE (weraq imnixxef u zkuk, iffermentati jew mod iċhor, <i>Camellia sinensis</i>)</b>	1	0,1 (*) (P)	0,1 (*)	0,1 (*) (P)	0,1 (*)	0,1 (*)	5	0,02 (*)
<b>7. HOPS (imnixxef), inklużi ħbub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat</b>	10	0,1 (*) (P)	10	0,1 (*) (P)	0,5	15	10	0,05

(\*) Tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika.

(P) Tindika li l-livell ta' residwu massimu jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE. sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell se jsir definitiv b'effett mis-7 ta' Marzu 2011."